BIRGU
Città Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

---

# Minuti tal-laqgħa 23 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 23 fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Novembru, 2013 fis-6.00 ta' filgħaxija fil-Berġa ta' Franza.

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Viċi Sindku, S-Sur Trevor Mizzi u l-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel u s-Sur Lawrence Attard.

Is-Sur Trevor Mizzi daħal għal-laqgħa fis-6.20 ta' filgħaxija.

Is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto, Deputat Segretarja Ezekuttiv.

## Talba

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Kunsil approva unanimament il-minuti ta' l-22 laqgħa.

1.2 Is-Sindku staqsa jekk waqt l-interviews li saru għall-ingagg ta' part time clerk l-applikanti kienux ġew infurmati bil-ħinijiet li kien jinvolvi dan l-impjieg. Id-Deputat Segretarja Ezekuttiv wieġbet li l-applikanti kienu ġew mgħarfa li l-ħinijiet prinċipali kienu matul il-ħinijiet ta' filgħodu kif ukoll skond l-esiġenzi tal-Kunsill.

1.3 Is-Sindku staqsa jekk ir-residenti kienux ġew mgħarfa dwar il-kura dentali mingħajr ħlas li kienet qed toffri l-Membru Parlamentari s-Sinjura Marlene Farrugia lit-tfal taħt is-sittax-il sena residenti fil-Birgu.

1.4 Is-Sindku staqsa x'kien sar dwar l-izvillup ta' Solar Farms fiz-zona tal-Glaziz fil-Birgu. Is-Sur Lawrence Attard infurma lill-Kunsill dwar il-laqgħa li kellhu ma' l-Inġinir Renzo Curmi sabiex jiġi diskuss kif f'din iz-zona isiru Solar Farms li jibbenfikaw ir-residenti tal-Birgu. Is-Sur Attard qal li l-Inġinir Curmi kien ser iħejji rapport dettaljat sabiex jinġibu l-permessi neċessarji tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Is-Sindku tkellem dwar il-fatt li din iz-zona kienet devoluta lill-Kunsill u talab sabiex l-Inġinir jiġi nfurmat jekk l-istabilimenti kummerċjali li hemm fil-lokalita' tal-Birgu u l-knejjes kienux ser jiġi nvoluti f'dan l-izvillup.

Fis-6.30 ta' filgħaxija is-Sur Anton Gellel talab li jiġi skuzat għal ftit minuti.

1.5 Is-Sindku qal li kien rega' kiteb lill-Ministru tat-Transport sabiex isir *resurfacing* ta' Triq Desain u Triq il-Kardinal.

1.6 Is-Sindku tkellem dwar il-konferenza u l-*workshop* li saru bit-titlu 'L-Ambjent u Jien' li ġie organizzat bħala parti mill-proġett Coheirs kofinanzjat mill-Unjoni Ewropeja taħt il-program Europe for Citizens nhar il-Ħamis, 31 ta' Ottubru 2013. L-Għan ta' dan il-proġett hu li jippromwovi tagħlim u jqajjem kuxjenza permess ta' attivitajiet organizzati fuq livell lokali dwar is-saħħa u l-ambjent. Il-ftuh tal-konferenza ġiet indirizzata mill-Onorevoli Leo Brincat, Ministru għall-Izvillup Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima.

Fis-6.40 ta' filgħaxija is-Sur Anton Gellel daħal għal-laqgħa.

1.7 Is-Sindku qal li kienet twaħħlet CCTV camera f'Misraħ ir-Rebħa. Għalhekk jekk jidħol rapport il-Kunsill li qed jintrema skart f'tarf it-triq San Fillipu kellhu jara minn kienet din il-persuna li qed toħroġ l-iskart.

1.8 Is-Sindku tkellem dwar l-ezitu tal-laqgħa li saret mal-Kumitat ta' riabilitazzjoni u qal li kien ressaq il-proġetti għal ħames spazji zgħar li ġew diskussi u approvati fil-laqgħa tal-Kunsill. Dawn kienu il-proġett tal-laser ħdejn l-Oratorju viċin il-Knisja Parrokjali ta' San Lawrenz u lift fiz-zona Sally Port . Kif ukoll il-proġett għal post ta' kastilja fuq ix-xaqliba tal-Kalkara u l-arlogg f'Misraħ ir-Rebħa.

1.9 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li hu flimkien mal-Kunsillier Lawrence Attard, li hu responsabbli mis-settur tal-anzjani, kellhom jieħdu deċizjoni dwar in-nominazzjoni Nazzareno Vassallo Award, peress li kien hemm data ta' l-għeluq sabiex wieħed setgħa jagħmel in-nomina u għalhekk inħatar ir-Reverendu Lawrence Attard.

2. <u>Korrispondenza</u>

2.1 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kordinatur tal-korsijiet *lifelong learning* fix-Xjenza u l-Komunita' dwar il-laqgħa li ser issir nhar l-Erbgħa, 13 ta' Novembru 2013 fis-2.30 ta' wara nofs inhar fl-iskola Primaja tal-Furjana. Is-Sindku talab sabiex is-Sur Alan Cassar jattendi għal din il-laqgħa. Is-Sur Trevor Mizzi infurma lill-Kunsill li jekk is-Sur Cassar ma jkunx jistgħa jattendi, imur hu għal din il-laqgħa.

2.2 Inqrat memo 26 /2013 dwar Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali fejn il-Kunsilli Lokali ġew mitluba jinnominaw żagħżugħ/a biex ikun l-ambaxxatur jew ambaxxatriċi tal-Kunsill sabiex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kunsilli Lokali sa mhux aktar tard min-nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Novembru 2013.

2.3 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assocjazzoni AVEC dwar Forum bl-isem *Heritage and Risk in Europe and the Mediterranean* li ser jiġi organizzat fl-10 ta' Diċembru 2013 f'Marseilles Franza. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera min setgħa jmur għal dan il-Forum peress li hu ma setgħax jattendi.

2.4 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-moviment Kerygma dwar l-applikazzjoni u d-dokumenti għall-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2013 li jagħlqu il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru 2013 f'nofs inhar. Is-Sindku ppropona li jiġi nominat iż-żagħżugh Matthew Gellel għall-impenn tiegħu fil-komunita'. Is-Sur Cassar issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

2.5 Inqrat memo 25/2013 mibgħuta mid-Direttur għall-Gvern Lokali dwar l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014. Is-Sindku ppropona li fl-attivita' Birgu Fest 2014 jiġi nkluz il-logħob tradizzjonali malti, kif ukoll li ssir l-ikbar u l-itwal xemgħa. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposti tas-Sindku.

2.6 Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Dr Paul Bezzina dwar li kien qed jirrezenja mill-proġett Coheirs b'effett immedjat sakemm ma jiġux irtirati l-akkuzi li saru fil konfront tiegħu mis-Sindku. Is-Sur Trevor Mizzi qal li l-korrispondenza kien bgħatha lill kull persuna nvoluta għal laqgħa li kellha ssir għall-preparamenti tal-*workshop* tal-proġett Coheirs.

2.7 Is-Sindku qal li l-email kienet intbgħatet lis-Sur Trevor Mizzi u ma kienitx indirizzata lis-Sur Bezzina.

2.8 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-President Dr Marc Sant xtaq jiltaqgħa mas-Sindku u l-Kunsilliera nhar it-Tnejn, 11 ta' Novembru 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill ikonferma li kien ser jattendi għal din il-laqgħa.

2.9 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija TCTC dwar korsijiet tal-kompjuter LEARNIT u ECDL START li ser jiġu organizzati fil-lokalita' mingħajr ħlas.

2.10 Is-Sindku ressaq korrispondenza li nbgħatet lill-Awtorita' tad-Djar dwar il-bilanc ta' €9043.42 li l-Kunsill għad irid jieħu rigward il-proġett li sar ta' parkegg fiz-zona tal-Ħawli.

2.10 Is-Sindku ressaq korrispondenza li nbgħatet lill-Ministru tat-Turizmu dwar il-faċilitajiet sanitarji li jinsabu Couvre Porte, il-Birgu fejn hemm shelters ta' tieni Gwerra Dinjija li jagħmlu parti mill-muzew tal-Fondazzjoni Wirt Artna. Il-Kunsill talab l-intervent tal-Ministeru peress li dawn il-facilitajiet kienu saru sabiex jintuzaw mill-pubbliku imma filfatt kienu għall uzu ta' l-istaff tal Fondazzjoni Wirt Artna u t-turisti li jzuru l-muzew.

2.11 Is-Sindku ressaq korrispondenza li nbgħatet lid-Direttur għall-Gvern Lokali dwar l-*envelope* bid-dokumenti relatati mal-elezzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li bi zvista kien ntilef u ma wasalx għand id-Deputat Segretarja Eżekuttiv.

2.12 Is-Sindku ressaq korrispondenza li nbgħatet lis-Segretarju tal-Kumitat Partit Laburista dwar l-ilmenti tar-residenti dwar l-imwejjed u s-siggijiet biswit ic-Ċentru Laburista tal-Lokal. Il-Kunsill talab is-suġġerimenti tal-Kumitat sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull incident li jista' jinħoloq. Is-Sindku qal li tkellem mal-barman sabiex jitneħħew il-qsari peress li trasport ta' l-iskola ma setgħax jgħaddi. Is-Sur Mizzi qal li kien ser ikellem lill-Perit tal-Kazin sabiex jintbgħatu s-suggerimenti lill-Kunsill.

2.13 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' Ambjent u Ippjanar fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-bilanċ tal-fondi *Urban Improvement Fund* (UIF) sa tmiem Settembru 2013 kien ta' €10,365.38.

3. <u>Skeda ta' pagamenti</u>

3.1 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għal perjodu matul it-18 ta' Settembru 2013 sa l-1 ta' Novembru 2013 li kien jammonta għall-€43,535.35.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Isabella Testaferrata De Noto | ikkonfermati John Boxall |
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Sindku |